

## S4.1 PERSONAĠĠI MALTIN

**S4.1.4**
Infakkru lil dawn it-tliet personaġġi permezz ta' kitba kreattiva.

**A. Agħżel tema minn dawn li ġejjin u żviluppaha f'madwar 120 kelma.**

1. Lil Dun Mikiel Xerri għadhom kif qatgħuhielu għall-mewt. Ġiet l-ordni minn Franza li għandu jiġi xkubettjat talli ħa sehem fil-konfoffa biex jitkeċċew il-Franċiżi minn Malta. Ikteb il-ħsibijiet li għaddejjin minn moħħ Dun Mikiel Xerri bħalissa, fiċ-ċella jistenna l-mewt.



2. Il-gwardjan ta' Dun Mikiel Xerri huwa raġel Malti mill-Belt Valletta, jismu Xandru. Il-gwardjan Xandru jżomm mal-Franċiżi. Ikteb djalogu li seħħ bejn Xandru u Dun Mikiel Xerri fil-lejla qabel Dun Mikiel Xerri kellhom joqtluh billi jisparawlu.



3. Dun Karm Psaila għadu kif lesta l-versi tal-Innu Malti.

Ikteb ix-xewqat li għandu Dun Karm għall-futur tal-versi tal-Innu Malti li għadu kif kiteb.

4. Dun Karm Psaila għadu kemm kiteb l-ewwel ftit poeżiji tiegħu bil-Malti. Ħabib tiegħu, Lorenzo Caligari, jixtieq li l-poeżiji jinkitbu bit-Taljan u mhux bil-Malti. Ikteb djalogu qasir bejn Dun Karm U Lorenzo Caligari dwar dan is-suġġett.

5. Dun Ġorġ Preca, għadu kemm fetaħ l-ewwel Mużewijiet tas-subien. Il-pjazza jara erba' żgħażagħ jitkellmu fuq bank għall-frisk. Dun Ġorġ resaq lejhom u pprova jħajjarhom biex minflok joqogħdu hemm jaħlu l-ħin, jattendu għal-laqgħat tal-MUSEUM. Ikteb fi kliemek, il-kliem li qalilhom Dun Ġorġ.



6. Ġużi għandu tmien snin. Dun Ġorġ iltaqa' ma' Ġużi fi triq il-Ħamrun u pprova jħajru biex jibda jattendi għal-lezzjonijiet tal-MUSEUM. Ikteb id-djalogu li sar bejn Dun Ġorġ u Ġużi.